MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 69/2014

**Multi Packaging Limited (C158)**

**vs**

**Ġelati Mezzan Limited (C38519)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fis-somma ta' tnax-il elf u sitt mija u ħmista-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,615.34ċ) rappreżentanti prezz ta' merkanzija ossija *packaging* tal-kartun mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' intimata, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat 'Dok. A';

Illi minkejja interpellata tħallas dan l-ammont, s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti, s-soċjeta' intimata m'għandhiex risposta x'tagħti.

Talbet lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċiedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf u sitt mija u ħmistax-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,615.34ċ) dovut kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata inġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni.

Rat ir-Riferta pożittiva tas-soċjeta' konvenuta li ġiet notifikata b'dan ir-Rikors u bl-avviż għas-smiegħ tal-kawża fit-30 ta' Settembru 2014.

Rat il-verbal tad-difensuri tal-kontendenti tas-17 ta' Ottubru 2014 fejn talbu sentenza a bażi ta' transazzjoni milżuqa dakinhar stess, skont kif jidher fin-nota konġuntiva ppreżentata f'dik l-udjenza.

Rat id-digriet tagħha  tal-istess data fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat  in-Nota ta' transazzjoni msemmija.

Rat l-atti l-oħra  tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi tablet li s-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' tnax il-elf u sitt mija u ħmistax il-euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€12,615.34ċ) rappreżentanti prezz ta' merkanzija ossija *packaging* tal-kartun mibjugħ u kkonsenjat minnha lis-soċjeta' konvenuta kif jidher minn prospett anness mar-Rikors Ġuramentat u mmarkat 'Dok.A'.

Illi permezz ta' skrittura privata redatta fis-17 ta' Ottubru 2014 il-partijiet laħqu transazzjoni fejn qablu illi:

*"..fl-ewwel lok l-ammont oriġinali pretiż għandu jiġi ridott għall-ammont ta' ħames t'elef mija u sebgħa Euro u tmenin ċenteżmu stante illi fil-mori tal-appuntament saru pagamenti akkont inkluż pagament ta' elf Euro (€1000) illi oriġinarjament kien daħal fil-kont tal-istess soċjeta' ntimata illi għandha mas-soċjeta' assoċjata tas-soċjeta' rikorrenti ossia Padipont Limited*

*u liema ammont il-partijet qablu illi għandu jiġi riversat u kkreditat fil-kont tas-soċjeta' ntimata mas-soċjeta' rikorrenti.*

*Fit-tieni lok il-partijiet qed jittransiġu din il-kawża fis-sens li s-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' €5107.80ċ permezz ta' pagamenti ratejali u mensili ta' €1000 il-wieħed, bl-aħħar pagament għandu jkun ta' €1,107.80ċ u fuq liema bilanċ il-partijiet qed jaqblu illi m'għandu jiddekorri l-ebda mgħax purche' illi s-soċjeta' ntimata tottempora mal-pagamenti ratejali u b'mod puntwali. Fin-nuqqas jiddekorri l-imgħax skond il-liġi fuq il-bilanċ li jkun għadu dovut sa l-effettiv pagament.*

*Dwar l-ispejjeż tal-kawża il-partijiet jaqblu illi purche' jiġu osservati l-pagamenti ratejali fuq imsemmija, l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijet. Inoltre jaqblu li l-Qorti għandha tagħti sentenza fuq l-ammont bilanċjali ta' €5107.80ċ li s-soċjeta' konvenuta qegħda presenzjalment tammetti illi baqalha tagħti lis-soċjeta' rikorrenti."*

Għaldaqstant u in vista ta' din it-transazzjoni, tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' t-talba kif ridotta u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħamest elef mija u sebgħa euro u tmenin ċenteżmu (€5107.80ċ), rappreżentanti ħlas ta' bilanċ dovut bħala prezz ta' merkanzija ossija *packaging* tal-kartun mibjugħ u kkonsenjat mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta;

2. A bażi tat-transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti fis-17 ta' Ottubru 2014, din is-somma għandha titħallas f'rati mensili ta' elf euro (€1000) il-wieħed, bl-aħħar pagament ikun ta' elf mija u sebgħa euro u tmenin ċenteżmu (€1,107.80ċ);

3. Fuq dan il-bilanċ m'għandu jiddekorri ebda imgħax sakemm is-soċjeta' konvenuta tottempora mal-pagamenti ratejali u b'mod puntwali;

4. Fin-nuqqas jiddekorri l-imgħax skond il-liġi fuq il-bilanċ li jkun għadu dovut sa l-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-kawża, sakemm jiġu osservati l-pagamenti ratejali msemmija, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------